

32001R0394

28.2.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 58/9

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 394/2001

tas-27 ta' Frar 2001

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2700/93 dwar regoli dettaljati sabiex jiġi applikat il-premium favur il-produtturi tal-laħam tan-nagħġa (muntun) u l-laħam tal-moghġa

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2467/98 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam tan-nagħġa (muntun) u l-laħam tal-moghġa ⁽¹⁾, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1669/2000 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(b) tiegħu,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3493/90 tas-27 ta' Novembru 1990 li jstabbilixxi r-regoli ġenerali sabiex jiġu konċessi l-premiums lill-produtturi tal-laħam tan-nagħġa (muntun) u l-laħam tal-moghġa ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2825/2000 ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1323/90 ⁽⁵⁾ ta' l-14 ta' Mejju 1990 li jistitwixxi għajna speċifika lill-produtturi lokati f'żoni inqas favoriti, kif iddefiniti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 ⁽⁶⁾ tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanziji (FAEGG) u li jemenda u jħassar ċerti regolamenti ⁽⁷⁾.
- (2) Id-definizzjoni ta' produttur f'żona inqas favorita dikjarata fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3493/90 ġiet emendata biex tfisser kull produttur tal-laħam tan-nagħġa (muntun) u laħam tal-moghġa li l-azjenda tiegħu tkun lokata f'żoni definiti skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999, jew li l-azjenda jkollha mill-inqas 50 % tal-firxa tagħha li tkun użata għall-biedja f'dawn iż-żoni.
- (3) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2700/93 ⁽⁸⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1410/1999 ⁽⁹⁾, sabiex jinġieb fl-istess linja mad-definizzjoni emendata ta' produttur f'żona inqas iffavorita.
- (4) L-emenda għar-Regolament (KEE) Nru 3493/90 daħlet fis-seħħ fit-23 ta' Diċembru 2000. Minħabba li l-emenda tagħmel ir-regoli eħfef għall-bidwi sabiex jikkonforma magħha, huwa xieraq illi dan ir-Regolament isir b'mod li jibda japplika mill-bidu tas-sena tas-suq 2001.

- (5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tan-Nagħġa u l-Moghġoż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1a tar-Regolament (KEE) Nru 2700/93 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 1a

L-Applikazzjoni għal għajna speċifika f'ċerti żoni inqas iffavoriti (ir-Regolament (KEE) Nru 1323/90):

1. Għal biex jibbenefika mill-għajna speċifika provduta fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Bru 1323/90, produttur li jwettaq il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3493/90:
 - (a) li jkun meħtieġ li jissottometti kull sena dikjarazzjoni taż-żona agrikola totali utilizzata ta' l-azjenda tiegħu, permezz ta' formola ta' applikazzjoni għall-għajna skond 'iż-żona' kif iprovvdut fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 3887/92 li jstabbilixxi r-regoli dettaljati sabiex tiġi applikata sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll għal ċerti skemi Komunitarji ta' għajna, għandu jindika f'din id-dikjarazzjoni dawk il-qatgħat ta' art li jkunu lokati f'żoni inqas iffavoriti u jintużaw għall-biedja;
 - (b) li ma jkunx meħtieġ li jissottometti d-dikjarazzjoni riferita taħt il-(a), għandu jissottometti kull sena dikjarazzjoni speċifika billi juża, meta xieraq, is-sistema li tidentifika l-qatgħat agrikoli ta' l-art ipprovvduta skond is-sistema integrata. Din id-dikjarazzjoni għandha tindika l-lokazzjoni ta' l-art kollha li jippossjedi, il-qbiela jew l-użanzi skond l-arraġamenti jkunu liema jkunu, li tindika l-firxa tagħha u tagħti fid-dettal il-qatgħat tagħha ta' l-art li jkunu lokati f'żoni inqas iffavoriti u jintużaw għall-biedja. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu illi d-dikjarazzjoni speċifika tiġi inkluża fl-applikazzjoni għall-premium għan-nagħġa u/jew għall-moghġoż

⁽¹⁾ ĠU L 312, tal-20.11.1998, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 193, tad-29.7.2000, p. 8.⁽³⁾ ĠU L 337, ta' l-4.12.1990, p. 7.⁽⁴⁾ ĠU L 328, tat-23.12.1999, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 132, tat-23.5.1990, p. 17.⁽⁶⁾ ĠU L 20, tas-27.1.1998, p. 18.⁽⁷⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 80.⁽⁸⁾ ĠU L 245, ta' l-1.10.1993, p. 99.⁽⁹⁾ ĠU L 164, tat-30.6.1999, p. 53.

2. L-awtorità nazzjonali kompetenti tista' tordna l-preżentazzjoni ta' kuntratt tal-proprjetà, kuntratt tal-qbiela jew ftehim bil-miktub bejn il-produtturi u, meta xieraq, attestat mill-awtorità lokali jew reġjonali li jkunu għamlu l-art użata għall-biedja disponibbli lill-produttur interessat. L-attestat għandu jindika l-firxa ta' l-art konċessa lill-produttur u l-qatgħat ta' l-art lokati fiż-żoni inqas iffavoriti.
3. L-Istati Membri jistgħu jordnaw illi, fil-każ riferit fil-paragrafu 1(b), id-dikjarazzjoni speċifika ssir permezz ta' formola ta' applikazzjoni għall-ghajjnuna skond 'iż-żona'.
4. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni qabel it-30 ta' Ġunju ta' kull sena tas-suq bin-numru u l-lokazzjoni reġjonali tal-produtturi li jiġġustifikaw il-pretensjoni tagħhom għall-premium permezz ta' l-attestat riferit fil-paragrafu 1(b).
5. Id-dikjarazzjoni tal-produtturi skond 'iż-żona' u d-dikjarazzjoni speċifika jridu jiġu ċekkjati skond l-Artikoli 6 u 7 tar-Rgolament (KEE) Nru 3887/92. Iż-żoni attwalment stabbiliti bil-proċedura msemmija hawn fuq għandhom jintużaw sabiex jiġi kalkolat il-perċentwal tal-firxa ta' l-azjenda wżata għall-biedja lokata fiż-żoni inqas iffavoriti f'relazzjoni mal-firxa totali tar-razzett li jkun qiegħed jintuża għall-biedja.
6. Meta d-dokumenti msemmija hawn fuq kif ippreżentati mill-bidwi jindikaw illi mill-inqas 50 % tal-firxa wżata għall-biedja hija lokata f'żoni inqas iffavoriti, imma meta

fl-okkażjoni ta' eżami jew kontroll il-perċentwali attwalment stabbilit ikun taħt il-50 %, ma għandhiex titħallas il-ghajjnuna speċifika u l-premium għan-nagħaġ għandu jitnaqqas b'perċentwal ekwivalenti għad-differenza bejn il-perċentwal attwalment stabbilit u l-50 %.

Madankollu, fil-każ ta' dikjarazzjoni falza magħmulha deliberatament jew minħabba negliġenza serja:

- il-produttur fil-kwistjoni għandu jiġi eskluż mill-iskema tal-premium għan-nagħaġ/mogħoż għas-sena tas-suq fil-kwistjoni, u,
- fil-każ ta' dikjarazzjoni deliberatament falza magħmulha deliberatament, minn din l-iskema għas-sena tas-suq ta' wara.

It-tnaqqis ma għandux jiġi applikat jekk il-produttur ikun jista' juri illi kif ġiet stabbilita l-firxa kien imsejjes fuq tagħrif ikkonnoxxut mill-awtorità kompetenti".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika mill-bidu tas-sena tas-suq 2001.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Frar 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni